C/2025/3781

17.9.2025

P9_TA(2024)0355

L-Att dwar is-Solidarjetà Ċibernetika

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà (COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2025/3781)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0209),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 173(3) u 322(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0136/2023),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tat-18 ta' April 2023 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023 ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Novembru 2023 ([3]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Marzu 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0426/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali
([2]) ĠU C 349, 29.9.2023, p. 167.
([3]) ĠU C, C/2024/1049, 9.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1049/oj.

P9_TC1-COD(2023)0109

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tal-identifikazzjoni, tat-tħejjija u tar-rispons għat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi *u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà)*

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2025/38.)

ANNESS TAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-baġit fir-rigward tar-Regolament (UE) 2025/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tal-identifikazzjoni, tat-tħejjija u tar-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà (Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà) ([1])

1. Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà ġiet ippubblikata f'April 2023. Minn dak iż-żmien, iċ-ċifri stimati rilevanti nbidlu minħabba l-adozzjoni jew l-adozzjoni mistennija ta' atti leġiżlattivi oħra.

2. Fil-5 ta' Marzu 2024, il-koleġiżlaturi laħqu qbil politiku preliminari biex jillimitaw għal EUR 22 miljun ir-riallokazzjoni mill-Objettiv Speċifiku 4 "Ħiliet Diġitali Avvanzati" għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" tal-programm Ewropa Diġitali previst fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

3. Bil-għan li tirrifletti l-kundizzjonijiet tal-qbil politiku preliminari, il-Kummissjoni aġġornat id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà fir-rigward tal-pakketti finanzjarji għall-Objettivi Speċifiċi 2 "Intelliġenza Artifiċjali", 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" u 4 "Ħiliet Diġitali Avvanzati", fid-dawl tar-riallokazzjonijiet kif qablu fuqhom il-koleġiżlaturi.

4. Għaldaqstant, il-pakketti finanzjarji għall-perjodu 2025-2027 ippreżentati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva aġġornata, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali, huma s-segwenti:

   — [EUR 544 726 000] għall-Objettiv Speċifiku 2 "Intelliġenza Artifiċjali", filwaqt li jitqiesu l-EUR 65 miljun riallokati għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja";

   — [EUR 44 451 000] għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" - il-parti taħt ir-reġim ta' ġestjoni diretta tal-Kummissjoni, inklużi EUR 26 miljun riallokati mill-Objettivi Speċifiċi 2 u 4.

   — [EUR 353 190 613] għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" - il-parti ġestita miċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, inkluża r-riallokazzjoni ta' EUR 61 miljun mill-Objettivi Speċifiċi 2 u 4.

   — [EUR 167 162 423] għall-Objettiv Speċifiku 4 "Ħiliet Diġitali Avvanzati", filwaqt li titqies ir-riallokazzjoni tat-EUR 22 miljun għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja".

5. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE se tkun iffinanzjata mill-pakkett finanzjarju tal-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" – il-parti taħt ir-reġim ta' ġestjoni diretta tal-Kummissjoni (li skont l-istimi tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva aġġornata hija EUR [44 451 000]).

([1]) ĠU L, 2025/38, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/38/oj.